MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 155/2003

**Ennegi Malta Limited**

**vs**

**Rodrick Bezzina**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbaght elef, tliet mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm4,329.00), import ta' ghoxrin kambjala li mmaturaw ghal hlas rispettivament fl-1 ta' Awissu, 2001, u fl-ewwel ta' kull xahar sussegwenti sa' l-1 ta' Marzu, 2003, - ghall-ammont ta' Lm216.45-il wahda – u dan wara li kien sar bejgh ta' "cold room" u "ice machine". Dawn il-kambjali gew annessi u mmarkati bhala Dok EG1 sa' EG20.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar, 2003, u tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment. U bl-interessi legali mid-data ta'

maturazzjoni ta’ kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il- konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-5 ta’ Mejju, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------